# M I N U T I

## LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## LAQGĦA NUMRU 46

25 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

### M I N U T I

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet din il-laqgħa straordinarja.

46.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

46.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**46.2 Struttura t' Osservazzjoni**

46.2.1 Din il-laqgħa straordinarja qed tinżamm in vista li kienet ġiet sottomessa applikazzjoni għand l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex titwaqqaf struttura t' osservazzjoni temporanja fuq naħa tal-parkeġġ li hemm biswit il-Fosos.

46.2.2 Inżammet laqgħa informattiva għar-residenti fit-23 ta' April 2018 li għaliha ġew notifikati permezz ta' *flyer* impostat mill-ħaddiema tal-Kunsill, f' kull residenza. Fil-laqgħa, ir-resident ġew mgħarrfa bid-dettalji tal-istruttura u setgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom, fejn spikkat li l-maġġoranza wrew id-disapprovazzjoni tagħhom.

Waqt il-laqgħa tal-lum, il-Kunsillier AD filwaqt li semma dak li ġie mwiegħed mill-iżviluppatur favur ir-residenti u l-Floriana, hu kien ser jibqa lejali għal fehema u x-xewqa tar-residenti li eleġġewh.

Meta tkellem il-Kunsillier JAE irrimarka li din kienet ideja innovattiva li tista' tkun ta' benefiċċju għall-Floriana u t-turiżmu pero' wieħed irid iqis ukoll l-aspett estetiku partikolarment il-vista tal-Fosos għal tul il-Knisja Arċipretali u viċe versa. L-oġġezzjoni tiegħu ibbażha fuq il-lokazzjoni u tenna li tkun intilfet ġawra u storja Furjaniża.

Tkellem il-Kunsillier AGS li sostna dak li kien qal il-Kunsillier AD, li hu qiegħed hemm biex jirrapreżenta l-poplu li elliġġieh. Irrimarka pero' li din tista' tattira ħafna viżitaturi li bis-saħħa t' hekk ikunu jistgħu iżuru nħawi oħra lokali bħal-Argotti, il-Knisja u l-mużew li hemm proponut magħha.

Hekk jiġi ġenerat aktar kummerċ u fuq kollox ikun hemm waħda bħal ma hemm f'ħafna bliet Ewropej.

Il-Viċi Sindku semma li seta' forsi jiġi kunsidrat li l-istruttura tiġi rilokata lejn il-Ġnien Re George V biex ma ttellifx il-vista tal-pjanura tal-Fosos kemm lejn il-Knisja Arċipretali kif ukoll lejn is-swar tal-Belt Valletta pero' l-iżvilupattur kien ikkonferma li seta' jkun li dawk in-naħiet ma hemmx bażi b' saħħita li tieħu dak it-toqol.

Fuq kollox wieħed għandu jikkonsidra wkoll li din ser tnaqqas l-ispazzji tal-parkeġġ b' konsegwenza ta' aktar frustrazzjoni għall-ħaddiema li jipparkjaw hemm u fl-aħħar mill-aħħar a detriment tar-residenti.

Irrimarka li l-ideja tal-istruttura hi vera tajba imma żgur mhux favur ir-residenti.

Is-Sindku DSH tkellmet dwar l-opinjonijiet li ġew bihom ir-residenti fejn esprimew li l-ħsieb li kien l-aktar jipreokkuphom kien l-estetika peress li l-lokazzjoni tal-istruttura kienet ser ittellef il-veduta spazjuża tal-l-inħawi u l-ispazzji tal-parkeġġ li kienu ser jintilfu.

Il-membri preżenti lkoll qabblu li din l-istruttura kienet ser iżżid it-turiżmu u l-kummerċ fil-Floriana, filwaqt li l-preokkupazzjoni prinċipali kienet li din kienet estetikament mhux aċċettabli peress li storikament l-ispazzju msemmi kien dejjem intiż li jkun spazju miftuħ fejn tispikka l-majestożita' tal-Knisja Arċipretali tal-Floriana.

Konsegwentament qabblu li għandu jiġi kunsidrat li l-istrutura t' osservazzjoni tiġi rilokata.

### 46.3 TMIEM TAL-LAQGĦA

46.3.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.30pm.

**Konfermati, illum 16 ta' Mejju 2018.**

Firmata
Davina Sammut Hili
Sindku

Firmata
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv